# TRIBUNAL INDUSTRJALI

**DECIZJONI NUMRU 2361**

**Kaz Numru 3130/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Lucia Baranda Serna (ID: 67062 A)**

**u**

**Glimmer Limited (C-43108) Tumas Gaming Limited (C-22700) li b'decizjoni preliminari numru 2237 datata 24 ta' Lulju, 2013, is-socjeta' giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**<u>Chairperson : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 4 ta' Frar, 2015**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Lucia Baranda Serna fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-29 ta' Mejju, 2013, fejn sostniet li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha kienet wahda abbuziva u ngusta 'ai termini' tal-Kapitolu 452. Min-naha ta' Tumas Ltd., sostniet illi hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mall-Appellanti ghaliex din qatt ma kienet impjegata maghha. Min-naha ta' Glimmer Ltd., sostniet li kellha kull dritt tittermina l-impjieg ta' l-Appellanti

li kien ‘a bazi’ ta’ kuntratt definit, diment li tottempra ruhha ma’ Artiklu 36 (11) tal-Kap.452.

Fl-ewwel seduta t-Tribunal gie mitlub jaghti decizjoni preliminari dwar zewg eccezzjonijiet mqajjma u cjoe :

1. Li Tumas Gaming Ltd. tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, peress li hija qatt ma kienet timpjega lill-Appellanti.

2. Li galadarba Glimmer Ltd meta waqqfet il-kuntratt ta’ xoghol definit tal-Appellanti, ottemprat ruhha mal-Ligi, ma hemmx lok li din il-kawza tkompli.

Dwar l-ewwel eccezzjoni, it-Tribunal laqa’ t-talba ta’ Tumas Gaming Ltd., li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, peress li hija qatt ma kienet timpjega lill-Appellanti.

Dwar it-tieni eccezzjoni, it-Tribunal wara li qies sew il-legislazzjoni li tirrelata mall-fatti kollha li jinkwadraw dan il-kaz iddecieda li ma jilqax t-talba ta’ Glimmer Ltd., u allura ordna l-prosegwiment tal-kaz.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tnax-il seduta (12) fejn sema’ x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha ‘in konsiderazzjoni’ l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta’ facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Lucia Baranda Serna li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kienet assistita mill-Avv. Leonard Caruana.

Glimmer Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta’ ntimata kienet irrapprezentata minn Anthony Farrugia u assistit mill-Avv. James D’Agostino.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti kienet impjegata ma' Glimmer Ltd., bhala *Business Development Manager* fuq kuntratt definit ta' sena li beda jghodd mill-25 ta' Gunju, 2012.

Nhar il-15 ta' Frar, 2013, id-Direttur Anthony Farrugia kellu laqgha mall-Appellanti fejn infurmaha li ma kienux ser iggeddulha l-kuntratt u tawha ghazla bejn li tkompli tahdem id-durata kollha tal-kuntratt jew li jitterminawla l-kuntratt dak il-hin u jhallsulha l-penali skond il-ligi.

Fil-waqt li l-Appellanti fakkrithom li hija kienet tqila, hija wiegbet li x-xewqa taghha hi li tkompli tahdem sad-data tat-tmiem il-kuntratt. Wara li nqalghu xi argumenti, il-kumpanija ddecidiet li twaqqfilha l-kuntratt qabel l-iskadenza tieghu.

Meta l-Appellanti nsistiet li tinghata raguni formali ghala kien qieghed jitwaqqaf il-kuntratt, hija giet infurmata li r-raguni kienet '*poor performance to date, notably the lack of sales since your engagement*'.

Glimmer Ltd., hallset il-kumpens dovut skond kif tistipula l-Ligi meta kuntratt ta' xoghol definit jitwaqqaf qabel id-data tat-tmiem tieghu.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Lucia Baranda Serna** bdiet ix-xhieda taghha billi kkonfermat id-dikjarazzjoni tal-fatti ffirmata minnha u li kienetipprezentata l-Qorti. Hija stqarret li flimkien ma' l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg hija kienet irceviet cekk minghand is-Socjeta' ntimata, liema cekk hija kkonfermat illi sarrfet.
Hija spjegat li fil-kuntratt tax-xoghol li kellu durata ta sena u cjoe mill-25 ta' Gunju, 2012 sa 24 ta' Gunju, 2013, kien hemm elenkati fih tlett ragunijiet li minhabba fihom seta' jintemm il-kuntratt qabel jiskadi. Hija qalet li r-raguni li nghatat mill-kumpanija dwar it-terminazzjoni tal-impjieg kienet '*lack of performance*'.

Stqarret li meta marret ticcekkja mall-ETC sabet li hija ma kellhiex la *engagement form* u lanqas *termination form* relatati mall-impjieg taghha mall-kumpanija. Fejn wara li gibdet l-attenzjoni ta' Leanne Tabone tal-HR, tali dokumenti gew maghmula fil-15 ta' Marzu, 2013, kwazi xahar wara t-tmiem tal-impjieg taghha.
Wara x-xhud kompliet billi tat dettalji ta' zewg kuntratti ta' xoghol li hija kienet involuta fihom u pprezentat dokumenti li jesponu x-xoghol li hija wettqet matul l-impjieg taghha mas-Socjeta' ntimata. F'dan l-istadju hija qalet li kienet irceviet *Email* datata 3 t'Awwissu, 2012, b'kummenti posittivi dwar xogholha minghand is-CEO Jurgen Fenech.
Dwar l-*issue* tat-tqala taghha, x-xhud qalet li wara li giet ikkonfermata tali tqala mit-tabib taghha, fl-4 ta' Frar, 2013, qabel ma siefret ghall-*ICE Conference*, hija kkomunikat *b'Email* ma' Leanne Tabone u Anthony Farrugia, sabiex jiggwidawha dwar il-proceduri kif ghandha tirraporta t-tqala taghha. Qalet li Leanne ppproponitilha *meeting* dwar dan is-suggett ghal nhar il-11 ta' Frar, 2013. Ix-xhud qalet li f'dan il-*meeting* Leanne spjegatilha xi jrid isir. Kompliet tghid li propju nhar it-18 ta' Frar, 2013 fit-8.00 hija ghaddiet lil Leanne Tabone dokumenti medici konnessi mat-tqala taghha. Qalet li gimgha qabel hija kienet hadet gimgha *leave* li kienet approvata minn Anthony Farrugia sabiex tmur Spanja halli taghmel xi ezamijiet medici relatati mat-tqala.
Ix-xhud kompliet li fil-15 ta' Frar, 2013, hija ltaqghet ma' l-Avv. James D'Agostino u Anthony Farrugia fejn gharrfuwha li l-kumpanija ddecidiet li ma tirrinovax il-kuntratt appena dan jiskadi. Qalet li giet offruta zewg alternattivi. Wahda li l-kuntratt jigi mitmum minnufih jew li hija tkompli tahdem id-durata kollha tal-kuntratt.
Qalet li nhar it-Tnejn 18 ta' Frar, 2013, fl-10 ta' fil-ghodu hija marret ghand Leanne Tabone sabiex ittiha xi certifikati ta' testijiet tad-demm li jikkonfermaw it-tqala taghha, fejn wara hija kellha *meeting* ma' Anthony Farrugia u Lino Grima. F'dik il-laqgha hija nghatat *envelope* li kien fih ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg u cekk. Liema cekk hija stqarret li sarrfet bosta gimghat wara u cjoe fl-4 t'April, 2013, fuq parir legali, dan ghaliex kellha dubji li jekk issarraf ic-cekk seta' kien ifisser li kienet qed tammetti r-ragunijiet tat-terminazzjoni.
Spjegat li meta qabdet tahdem mas-Socjeta' ntimata nhar il-25 ta' Gunju, 2012, hija kienet inghatat *employment manual* li kien simili bhal ma kien jinghata lill-impjegati ta' Tumas Gaming u li kopja tieghu jinsab esebit mall-process.

Spjegat il-parti fejn hemm il-procedura li kellha tigi osservata meta l-prestazzjoni ta' xoghol tal-impjegat ma tkunx tajba, kif ukoll il-proceduri ta' dixxiplina. F'dan il-kuntest l-Appellanti stqarret li hija qatt ma nghatat xi twissija dwar il-prestazzjoni lavorattiva taghha u dan l-anqas wara li kienet ghaddiet iz-zmien tal-*probation*. Wara ghaddiet tispjega l-procedura li kellha tintuza meta mpjegata tkun harget tqila u x'ghamlet hi f'dan il-kuntest.

**Dr. James D'Agostino** beda billi ndika dak li rrefera bhala diskrepanzi fil-fatti tal-kaz kif ipprezentati mill-Appellanti. Huwa qal illi ma kienx veru li l-Appellanti giet mcahhda li bejn l-14/15 ta' Novembru, 2012, tmur Londra sabiex tikkonkludi xi kuntratti ghaliex fl-istess zmien indikat hija flimkien mad-Direttur Anthony Farrugia kienet fuq xoghol f'Bilbao.
Ix-xhud spjega li lejn Dicembru 2012 meta kienet qed toqrob it-tmiem tal-*probation period* tal-Appellanti, kienet diga' qed tigi diskussa l-*performace* tal-Appellanti peress li kienet ghadha ma gabet l-ebda kuntratt ta' xoghol, permezz tal-kariga taghha ta' *Business Development Manager*. Ix-xhud kompla li wara diskussjoni gie deciz li hija tkompli fl-impjieg, fejn tinghata aktar zmien forsi l-affarijiet jimmaterjalizzaw.
Ix-xhud spjega li minkejja li l-Appellanti kienet Londra flimkien mad-Direttur Farrugia bejn 4 u 6 ta' Frar, 2013, hija ma kienetx infurmatu li kienet tqila. Dan, kompla jghid ix-xhud jispjega l-fatt li d-Direttur fl-laqgha li huwa attenda ghaliha nhar il-15 ta' Frar, 2013, kien sorpriz li l-Appellanti ma gharrfitux verbalment dwar it-tqala taghha. Huwa qal li hija kienet baghtet *E-mail* lid-Direttur Farrugia u lill *HR* fejn infurmathom bit-tqala. Din kienet datata 4 ta' Frar, 2013, pero' d-Direttur din l-*Email* qatt ma fetahha. Tenna x-xhud, li qabel il-laqgha tal-15 ta' Frar, 2013, il-kwistjoni tal-*performance* tal-Appellanti kienet regghet giet diskussa fejn kien gie deciz li s-sitwazzjonji tigi mithaddta fil-presenza tal-Appellanti.
Ix-xhud kompla li sa mill-bidu tal-laqgha, l-Appellanti staqsiet jekk baghtux sabiex ikellmuha ghaliex kienet tqila, fejn id-Direttur wera ruhu sorpriz ghaliex qatt qabel ma kien ghadu sema li l-Appellanti kienet tqila. Fejn filwaqt li huwa ferhilha qalilha li fir-rigward tal-impjieg taghha l-kumpanija tilfet il-fiducja ghaliex wara 8 xhur fl-impjieg hija kienet ghadha ma gabetx kuntratt wiehed ta' xoghol u nfurmaha wkoll li l-kuntratt tax-xoghol taghha ma kienx ser jigi mgedded. Ix-xhud qal li f'dak il-mument l-Appellanti qalet li t-tort li ma gabetx xoghol ma kienx taghha izda tal-kumpanija u tad-Direttur Farrugia stess minhabba nuqqas ta' professjonalita.

Ix-xhud qal li f'dak il-mument huwa ntervjena fejn qal li peress li l-intenzjoni tal-kumpanija kienet li fit-tmiem tal-kuntratt lejn l-ahhar ta' Gunju, 2013, dan ma jigix imgedded, ippropona li jintlahaq ftehim bonarju, fejn issugerixxha lill-Appellanti li s-sitwazzjoni tkompli tigi diskussa b'mod aktar trankwill it-Tnejn ta' wara.

Ix-xhud kompla, li pero' s-Sibt, l-Apellanti baghtet *Email*, fejn huwa kien ikkupjat, fejn tenniet li hija trid l-ittra ta' terminazzjoni sabiex tiehu parir legali. Fejn fl-istess *Email* hija akkuzat lil Farrugia li ma kienx professjonali fil-konfront taghha. Qal li l-Appellanti poggiet lil Jurgen Fenech *business partner* ta' Glimmer Ltd ikkupjat u dan urta ferm lid-Direttur Farrugia.

Tali atteggament skond ix-xhud, gieghel lis-Socjeta' ntimata twarrab il-possibilta' ta' ftehim bonarju u tilqa x-xewqa tal-Appellanti u tohrog *termination letter*.

Ix-xhud ghalaq billi ta rendikont dettaljat tal-hlasijiet konnessi mat-tmiem tal-impjieg, liema hlasijiet gew mghoddija lill-Appellanti u li skond hu saru 'in konformita' mall-obbligi tal-ligi. Ix-xhud sahaq li r-ragunijiet tat-terminazzjoni mill-impjieg tal-Appellanti kienu biss relatati man-nuqqasijiet fil-*performance* taghha.

**Ramon Ceci** xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' *Finance Manager* mas-Socjeta' ntimata. Qal li huwa jaf lill-Appellanti bhala *Business Development Manager*, kariga li minna kienet mistennija li kienet iggib xoghol gdid lill-kumpamija. Stqarr li l-Appellanti kienet tithallas mis-Socjeta' ntimata. Huwa qal li sa fejn jaf hu, l-Appellanti qatt ma gabet xoghol gdid, ghaliex kieku kienet tithallas il-*commission* li hija kienet intitolata ghalija skond il-kuntratt tax-xoghol, kull meta ggib xi xoghol gdid. F'dan il-kuntest ix-xhud stqarr li huwa qatt ma nghata struzzjonijiet mid-Diretturi sabiex ihallas *commission* lill-Appellanti, liema *commission* kienet tithallas wara li jkun sar il-kuntratt tax-xoghol gdid. Ix-xhud kompla, li waqt *meeting* l-Appellanti kienet tirreferi ghall-klijenti godda u kuntratti ta' xoghol li setghu jimmaterjalizzaw. Xoghol li pero' qatt ma ssuccieda. Xehed li ghal habta ta' Novembru sa Frar 2013 id-Direttur Farrugia kien qed juri preokkupazjoni dwar il-fatt li l-Appellanti ma kienetx qieghda iggib xoghol gdid.

Ix-xhud kompla billi kkonferma l-hrug ta' *cheque payment* datat 18 ta' Frar, 2013, fejn gie msarraf fit-3 t'April, 2013, u *payslip,* fejn spjega li dawn kienu jikkomprendu hlasijiet finali li saru lill-Appellanti. Ix-xhud temm l-intervent tieghu fejn filwaqt illi sostna li skond dak li jaf hu l-impieg tal-

Appellanti gie mitmum ghaliex hija naqset mill-obbligi taghha li ggib xoghol gdid lill-kumpanija, stqarr li f'dak iz-zmien fl-ebda mument huwa ma kien konxju li l-Appellanti kienet tqila.
Fuq mistoqsija tat-Tribunal ix-xhud spjega b'mod dettaljat minn xhiex kien jikkonsisti l-ahhar pagamenti li saru lill-Appellanti. F'din l-ispjegazzjoni x-xhud qal li l-hlas kien ikopri ukoll tmien gimghat u nofs salarju u dan peress li l-kuntratt tax-xoghol kien jonqsu sbatax-il gimgha sa l-iskadenza tieghu.

**Anthony Farrugia** xehed illi huwa Direttur tas-Socjeta' ntimata. Qal li l-Appellanti kienet impjegata bhala *Business Development Manager* fejn kienet mistennija li ggib xoghol gdid lill-kumpanija. Kompla li hija kienet tithallas mis-Socjeta' ntimata. Huwa spjega kif kienet giet ingaggata l-Appellanti propju sabiex iggib xoghol u klijenti godda. Ix-xhud qal li matul ix-xhur tal-impieg taghha kienu saru diversi *meetings* ma' klijenti godda, fejn pero' qatt ma gew konkluzi kuntratti ta' xoghol.
Spjega li matul laqghat li huwa kien ikollu mall-Appellanti dwar l-andament tax-xoghol, hija kienet dejjem tittamah li kuntratti godda ta' xoghol kienu fil-vicin li jigu konkluzi. Pero' sostna x-xhud dan ma sehh qatt. Ix-xhud stqarr li ghall-habta ta' Novembru/Dicembru, 2012, kien qed jikkontempla dwar fejn sejra din ir-relazzjoni ta' xoghol. Ix-xhud kompla fejn ta dettalji ta' *business trip* li huwa kien attenda ma' l-Appellanti gewwa Bilboa fi Spanja f'Novembru, 2012, u li dan kien fl-istess zmien li l-Appellanti kienet qed tippjana li tmur fuq xi haga simili gewwa Londra, li pero' kienet ghadha ma gietx ikkonfermata.
Wara x-xhud ghadda biex ta dettalji tal-partecipazzjoni tal-kumpanija fl-esibizzjoni/fiera nternazzjonali ta' xoghol gewwa Londra maghrufa bhala ICE fejn kienu attendew kemm hu u anke l-Appellanti. Dan kien bejn it-2 u t-8 ta' Frar, 2013. Stqarr li matul dik il-mawra l-Appellanti qatt ma tkellmet mieghu dwar affarijiet personali. Sostna li l-ewwel darba li sar jaf li hija kienet tqila kien waqt laqgha illi huwa kellu maghha fi-Frar 2013, wara l-esibizzjoni riferuta, u dan kien fil-presenza ta' Dr. D'Agostino. F'dik il-laqgha l-Appellanti kienet ser tigi mgharrfa li l-kuntratt taghha ma kienx ser jigi mgedded wara li jintemm.

Ix-xhud kompla li appena dahlet f'dik il-laqgha, l-Appellanti ghas-sorpriza ta' min kien prezenti, staqsiet jekk din kienetx dwar il-fatt li kienet tqila. Fejn meta ndunat b'dan l-atteggament ta' sorpriza, gharrfet li dwar tali tqala hija kienet baghtet *E-mail*. Ix-xhud stqarr li mmedjatament huwa fittex, fejn

fost numru kbir ta' *E-mails* sab dik riferuta datata 4 ta' Frar, 2013, u qalilha li bejn pressjoni ta' xoghol u nuqqas ta' accessibilita waqt il-fiera ta' Londra huwa ma kienx qraha. Ix-xhud kompla li f'dak il-mument l-Appellanti bdiet kwazi tinsolentah dwar ix-xoghol u l-ambjent li tahdem fih u dwar affarijiet ohra konnessi. Fejn f'certu punt tad-diskussjoni, l-ewwel qalet li ahjar jintemmilha l-impieg minnufih u tinghata ittra dak il-hin stess, u wara ftit talbet li tinghata aktar cans. F'dak il-mument ix-xhud qal li huwa ssugerixxa li d-diskussjoni ghandha titkompla it-Tnejn ta' wara peress illi l-laqgha kienet saret il-Gimgha, fejn kellha tinghata risposta jekk il-kuntratt taghha tax-xoghol kienx ser jitkompla sa tmiemu. Spjega li l-ghada s-Sibt huwa ircieva *E-mail* iebsa minghand l-Appellanti li kienet ukoll ikkupjata lill-*istrategic partners*, fejn apparti milli talbitu ittra ta' terminazzjoni mill-impieg sabiex tkun tista tiehu parir legali, xliethu b'nuqqas ta' professjonalita fil-komportament tieghu.

Ix-xhud stqarr li huwa ra din l-*Email* it-Tnejn fil-ghodu appena dahal ghax-xoghol u f'dak il-mument irrealizza li r-relazzjoni ta' xoghol ma' l-Appellanti ma setghetx titkompla u allura ddecieda li tinhareg l-ittra tat-terminazzjoni u hija tinghata l-hlas skond kif kontemplat fil-ligi. Liema hlasijiet, kompla x-xhud, inghatawlha permezz ta' cekk li hija accettat u hadet fi tmiem il-laqgha tat-Tnejn. Huwa qal li d-decizjoni ta' terminazzjoni tal-impjieg kienet ittiehdet wara sensiela ta' *meetings* li kienu saru fejn ingibdet l-attenzjoni mhux biss tal-Appellanti izda ta' mpjegati ohra dwar il-htiega li jingieb xoghol gdid, fejn allura stqarr li ma kienx veru dak li qed issostni l-Appellanti li l-ewwel darba li semghet dwar in-nuqqas ta' xoghol gdid kien fil-laqgha li kienet saret il-Gimgha. Huwa qal li diversi kienu d-drabi li huwa kien ikellima personalment li jrid jara rizultati konkreti u mhux biss *forecasts* ta' xoghol .

Dwar it-tqala tal-Appellanti, x-xhud stqarr li huwa qatt ma rcieva l-ebda certifikazzjoni medika li kienet tindika t-tqala tal-Appellanti. Huwa sostna li huwa konxju mill-proceduri ta' meta *employer* ikun mgharraf bit-tqala ta' mpjegati ghaliex il-kumpanija diga ghaddiet minn esperjenzi simili.

F'dan il-kuntest ix-xhud qal li mall-kumpanija ghad hemm impjegati li kienu tqal u wara t-tehid tal-*maternity leave* irritornaw ghax-xoghol.

Ix-xhud sostna li fid-decizjoni mehuda li l-impjieg tal-Appellanti jigi mitmum qatt ma kien hemm konsiderazzjoni ghall-fatt li hija kienet tqila.

Sostna li d-decizjoni mehuda kienet relatata biss mall-*performance* taghha. Meta mistoqsi jekk l-Appellanti qattx inghatat xi *warning* fir-rigward tan-*non performance* taghha, x-xhud wiegeb illi le pero' gieli ngibditilha l-attenzjoni sabiex mill-kuntatti li jsiru jigi materjalizzat xi kuntratt .

**Leanne Tabone** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet illi hija kienet impjegata ma' Tumas Gaming bhala HR Executive bejn l-2012 u l-2013, hija qalet li fil-qadi ta' dmirijietha apparti x-xoghol dirett ma' Tumas Gaming hija kienet taghmel xoghol iehor konness ma' mpjegati ta' kumpaniji ohra ma' hi s-Socjeta ntimata ohra, u dan fl-ambitu ta' HR. Ix-xhud qalet li taf lill-Appellanti bhala mpjegata ma' Glimmer Ltd, fejn wara tat rendikont ta' kif spjegatilha l-procedura ta' x'ghandu jsir meta mpjegata tkun tqila.
Ix-xhud qalet li l-Appellanti ma kienitx ipprezentatilha certifikazzjoni medika li hija tqila pero' t-Tnejn ta' wara li hija spiccat mix-xoghol ghadditilha certifikat konness mat-tqala, liema certifikat kienet ghamlet referenza ghalih meta ltaqghet maghha qabel. Ix-xhud stqarret li hija m' kientx tkun involuta fi proceduri ta' temm ta' mpjiegi mall-kumpanija bhal Glimmer Ltd., ghajr ghal parti amministrattiva bhal milli tat-*termination forms* tal-ETC li ssir wara li tkun ittiehdet id-decizjoni. Ix-xhud qalet li tiftakar li fit-*termination form* li tappartjeni ghall-Appellanti r-raguni registrata kienet li hija giet licenzjata fuq '*disciplinary grounds*'. Qalet li tali formola kienet imtliet xi granet wara li l-Appellanti kienet spiccat mix-xoghol. Ix-xhud sqarret li sakemm damet tahdem hija ma' Tumas Ltd, hadd ma gie ngaggat ma' Glimmer Ltd sabiex jisosstitwixxi lill-Appellanti bhala *Business Development Manager.*

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. James D'Agostino** beda billi rribatta b'mod elaborat l-punti ewlenin li gew sponuti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Appellanti b'mod partikolari l-argument imqajjem minnha li t-tmiem tal-impjieg kien ghaliex hija kienet tqila. Dr. D'Agostino sostna li t-tmiem tal-impjieg sehh biss minhabba li l-prestazzjoni lavorattiva taghha ma kienetx dik li kienet mistennija minnha meta hija giet ingaggata.

Dan sostnieh billi huwa qal li l-Appellanti qatt ma nghatat u l-anqas ippretendiet il-*bonus* dovut lilha li kieku irnexxielha tikkonkludi xi kuntratt ta' xoghol. Dr. D'Agostino sahaq li kien f'dan il-kuntest li kien gie mitmum qabel iz-zmien il-kuntratt ta' xoghol definit li hija kellha. Kuntest, temm jghid l-avukat, fejn is-Socjeta' ntimata harget il-pagament dovut skond il-ligi u liema pagament gie accettat minghajr kontestazzjoni.
**Dr. Leonard Caruana** beda billi enfasizza fuq il-fatt li s-Socjeta' ntimata kienet giet infurmatha mill-Appellanti li hija tqila u dan tramite l-'*HR set-up'* ta' Tumas Ltd li kienu joffru s-servizzi ta' HR lis-Socjeta' ntimata. Dan qalu sabiex jigi ribattut kull argument li seta ngieb mill-parti l-ohra li ma kienux jafu li hija tqila. Dr. Caruana staqsa galadarba s-Socjeta' ntimata

qalet li *non-performance issue* kienet ilha identifikata sa minn Novembru 2012, ghaliex hija thalliet fl-impjieg sa Frar 2013 meta sa Dicembru 2012 hija kienet ghadha fil-*probation period* . Dwar il-kuntratti ta' xoghol gdid, Dr. Caruana qal li l-Appellanti damet fl-impjieg tmien xhur biss, u filwaqt li hija hadmet fuq kuntratti ma' klijenti godda, fasslet proposti ta' kuntratti, meta gie mitmum l-impjieg taghha kien hemm kuntratti li kienu fl-appik li jigu ffirmati. Il-konkluzzjonijiet propja tal-kuntratti ma sehhewx mhux tort tal-Appellanti izda ghaliex gie mitmum l-impjieg sostna Dr. Caruana.
Dr. Caruana sahaq li l-mod kif gie mitmum l-impjieg tal-Appellanti jikser il-provedimenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.91.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Dan il-kaz jinkwadra sitwazzjoni ta' terminazzjoni prematura ta' kuntratt definit t'impjieg, fejn is-Socjeta' ntimata sostniet li dan sehh minhabba *poor performance* tal-Appellanti. Mill-banda l-ohra, l-Appellanti cahdet dan kollu u waqt il-process apparti li rribattiet l-argumenti dwar *poor performance* sostniet ukoll li din it-terminazzjoni setghet sehhet minhabba li hija kienet tqila.

Fir-rigward tal-prestazzjoni lavorattiva tal-Appellanti, l-argumenti tal-partijiet kienu kompletament kontrastanti. Is-Socjeta' ntimata tghid li r-rizultati miksuba mill-Appellanti kienu fqar u mill-banda l-ohra l-Appellanti tichad kollox. Il-fatt jibqa' li ghall-*Management* is-sitwazzjoni ma baqghetx sostenibbli u dan ghaliex l-Appellanti ma rnexxiela tikkonkludi l-ebda kuntratt ta' xoghol tant li hija qatt ma nghatat il-*bonus* relatat ma' tali kuntratti. Is-socjeta' ntimata sahansidra ippreavvizat lill-Appellanti li ma l-iskadenza tieghu, il-kuntratt tax-xoghol ma kienx ser jigi estiz.

F'din ic-cirkostanza il-pern tal-litigazjoni dar fuq jekk tali terminazzjomi prematura tal-kuntratt tax-xoghol u l-mod kif saret kienetx gusta jew le u dan 'a bazi' ta' l-istess kuntratt tax-xoghol maghmul bejn il-partijiet nhar il-21 ta' Gunju, 2012.

F'dan l-ambitu t-Tribunal fela kemm il-kuntratt tax-xoghol, b'mod partikolari Artiklu '*Termination and Suspension*'-10.1(c), u anke l-legislazzjoni, Kap 452 Art 36 (11) fejn tittratta terminazzjoni prematura t'impjieg b'kuntratt definit. F'dan il-kaz is-Socjeta' ntimata tat ir-ragunijiet bil-kitba ghaliex l-impjieg kien qed jigi mitmum u hallset lill-Appellanti l-ammont dovut skont din il-legislazzjoni u cjoe l-ekwivalenti ta' tmien gimghat u nofs salarju peress li l-kuntratt kien jonqsu sbatax-il gimgha sat-tmiem tieghu anke jekk issostni li t-temm tal-impieg sar ghal ragunijiet gusti.

It-Tribunal qies bl-attenzjoni dovuta l-insinwazzjoni tal-Appellanti li r-raguni vera li gie mitmum l-impjieg taghha kien minhabba l-gravidanza taghha, u dan ghamlu fl-isfond ta' l-argumenti kif imressqa miz-zewg partijiet fuq dan il-punt. Fl-inkwadratura ta' din l-insinwazzjoni, t-Tribunal ried jasal ghall-konkluzzjoni jekk t-temm tal-impjieg kienx konness mall-gravidanza tal-Appellanti jew u ghal ragunijiet ohra konnessi mall-*performance* taghha. Tul dan il-process dwar dan il-punt kemm s-Socjeta' ntimata u anke l-Appellanti ressqu argumenti. F'dan l-ambitu t-Tribunal analizza bir-reqqa dovuta kull dettall li hareg waqt il-process ta' dan il-kaz fir-rigward ta' din l-insinwazzjoni u dan ghamlu fl-ambitu tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.91.

Ghat-Tribunal l-argumenti tas-Socjeta' ntimata kienu konvincenti bizzejjed li permezz taghhom it-Tribunal seta' jiddeciedi li t-tmiem tal-impjieg tal-Appellanti ma kienx konness mall-gravidanza taghha izda minhabba l-prestazzjoni lavorattiva.

- **Decizjoni**

Tenut kont tal-fatti kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, it-Tribunal huwa tal-fehma li dan kien kaz ta' temm ta' kuntratt tax-xoghol b'mod prematur u fic-cirkostanzi jaqta' u jiddeciedi li din it-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti la kienet ingusta u lanqas abbuziva. Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**